**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Marzu, 2018

Rikors Nru : 173/17 AL

A B

-vs-

C B
[ID. 164762M].

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju elf, disa` mija disgha u tmenin (1989) u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi minn dana z-zwieg il-partijiet kellhom tlett ulied u cioe` D li twieled fit-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elf, disa` mija u disghin (1990) E li twieled fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elf, disa` mija u

tnejn u disghin (1992) u F li twieldet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elf, disa` mija sitta u disghin (1996);

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz tas-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013) (Dok. B);
4. Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal diversi snin izda ilhom mill-elfejn u erbgha (2004) separati de facto;
5. Illi r-rikorrenti ma jara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;
6. Illi l-manteniment dovut bejn il-partijiet huma ta' tnax-il Euro (€12) fil-konfront tal-intimata kull xahar u l-ammont ta' mitejn u erbghin Euro (€240) fix-xahar veru binthom F liema manteniment jghaddi regolarment;

Talab għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnu u bejn l-intimata huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Gunju, 2017;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova

illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 28 ta’ Gunju, 2013 u de facto separati mill-2004;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.